MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 327/2007

Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq
vs
L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti hija propjetarja tal-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, kif ukoll sehem indiviz in proprjeta` tal-fondi li jgibu n-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik, u l-fondi numri 68, 68A, 70 u 71 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.

2. Illi r-rikorrenti kienet ipproponiet kawza kontra l-intimati ghall-vjolazzjoni da parti ta’ l-istess intimati tad-drittijiet fundamentali taghha bit-tehid ta’ l-istess

proprjeta`, il-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, fuq titolu ta’ pussess u uzu liema kawza fl-ismijiet “Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et” (Rikors Nru. 537/96) giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Jannar 2007, ezebita mar-rikors u immarkata Dokument A, u gie fost hwejjeg ohra iddikjarat li dak it-tehid tal-proprjeta` taghha kien sar bi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghha kif protett bl-ewwel artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u gew ordnati mill-istess Qorti biex jirrientegraw lir-rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta` taghha.

3. Illi sussegwenti ghal din id-decizjoni l-intimati regghu intentaw, b’disprezz car ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, jesproprjaw mill-gdid il-fond appartenenti lir-rikorrenti taht titolu ta’ dominju pubbliku u dan permezz ta’ zewg avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta’ Jannar 2007 kif emendat bl-avviz numru 72 fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta’ Jannar 2007, ezebita mar-rikors u immarkata Dok B, liema l-Gvern ta’ Malta iddikjara l-fondi bin-numri 112, 113, 114, 115, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 69, 70 u 71 fi Triq l-Ifran kienu mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghall-skop pubbliku u li l-akkwist taghha ghandu jkun b’titolu ta’ dominju pubbliku.

4. Illi skond u ghat-tenur ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skop Pubbliku, u izjed precisament skond l-artikolu 5 ta’ l-istess Ordinanza “meta art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom u ghall-uzu ta’ terza persuna ghall-iskop li ghandu x’jaqsam ma jew iservi ghall-interess pubbliku jew utilita` pubblika, l-akkwist ghandu, f’kull kaz jsir b’xiri assolut ta’ l-art.”

5. Illi huwa evidenti, kif gja irrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gja deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fuq citata, li l-proprjeta` in kwistjoni ma hijiex mehtiega ghall-uzu tal-Gvern imma ghall-uzu ta’ terzi persuni li qieghdin jaghmel uzu kummercjali mill-istess proprjeta`.

6. Illi tali procedura hija evidentement kontra dak gja deciz mill-Qorti Kostituzzjonali u tikser bl-iktar mod gravi, minhabba li l-kwistjoni tinsab gja deciza, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni u dan billi l-istess t-tehid mhuwiex mehtieg ghal skop pubbliku u li l-akkwist taghha huwa diskriminatorju, minghajr kumpens adegwat u b'disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali.

7. Illi pero` apparti dan kollu in vista tal-artikolu 5 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija l-akkwist tal-proprjeta` tar-rikorrenti b'titolu ta' dominju pubbliku huwa ***ultra vires*** il-poteri ta' l-intimati u dan billi l-istess proprjeta` hija intiza ghall-uzu ta' terzi persuni u mhux tal-Gvern ta' Malta.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-akkwist tal-proprjeta` l-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, taht titolu ta' dominju pubbliku huwa irritu u null billi ***ultra vires*** il-poteri ta' l-intimati in vista ta' l-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta hija destinata, u b'riserva ta' kull dritt spettanti lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet fondamentali taghha kif fuq inghad kif ukoll b'riserva ghal kull dritt ghad-danni kawzati lilha bil-proceduri fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2007 kopja ta' liema giet esebita mar-rikors u mmarkata Dokument C, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Janar 2007, Dok A, fol 8 *et* tal-process.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet li biha esponew:

**<u>IN KWANTU GHALL-ECCEZZJONIJIET</u>:**

1. Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament ukoll, in kwanti qieghda titlob id-diskussjoni mill-gdid ta’ meritu li diga gie trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet ***‘Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et’*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta’ Jannar 2007 mill-Qorti Kostituzzjonali, u senjament il-mertu rigwardanti l-konformita` ta’ l-iskop ta’ l-esproprju u tal-uzu tal-fondi in kwistjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awtorita` tar-*res judicata* stabbilita permezz ta’ l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar 2007.

3. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik u 68, 68A, 70 u 72 (gja 71) Triq l-Ifran, Valletta liema sehem indiviz gej minn wirt, ir-rikorrenti ghandha qabel xejn iggib il-prova tat-titolu taghha u tal-provenjenza ta’ l-imsemmija ishma indivizi u tad-denunzja ta’ l-istess ishma skond l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (in vista ta’ l-Artikolu 63 ta’ l-istess Att) u skond l-Att XLVII tal-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u d-Donazzjoni (in vista ta’ l-Artikolu 40 ta’ dak l-Att).

4. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik u 68, 68A, 70 u 72 (gja 71) Triq l-Ifran, Valletta, il-gudizzju ma hux integru stante li l-azzjoni ma gietx intavolata mill-komproprjetarji kollha ta’ dawk il-fondi. Dan specjalment in vista tal-fatt illi l-hlas ta’ kumpens ghall-esproprju in kwantu jikkoncerna l-Kummissarju ta’ l-Artijiet isir b’mod intier u d-divizjoni ta’ dak l-ammont bejn id-diversi komproprjetarji hija kwistjoni privata ta’ bejn l-istess komproprjetarji.

5. Illi subordinament l-intimati jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti stante li fid-dispozittiv tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet ***'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti irriteniet illi l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ma kenitx tirrigwarda l-iskop li ghalih kienet qieghda tintuza l-proprjeta` izda kienet naxxenti biss mill-fatt illi l-istess rikorrenti kienet qieghdha tigi mgieghla ggor piz sproporzjonat. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalita` kien limitat ghall-ammont ta' kumpens offrut ghall-kontroll u l-uzu tal-proprjeta` liema ammont kien ferm inqas minn dak li abbazi tieghu l-fond issa gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku. Ghaldaqstant ma jsegwi bl-ebda mod illi meta l-Gvern akkwista l-fond b'titolu ta' dominju pubbliku versu kumpens adegwat u proporzjonat huwa b'xi mod wera disprezz lejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew wettaq xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Dan huwa konfermat ukoll fil-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta fl-10 ta' April 2007 anness mar-risposta u immarkat 'Dok AM8'.

6. Illi l-intimati qieghdin jeccepixxu formalment ukoll illi l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu diretti ghall-kisba ta' dikjarazzjoni li l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku huwa null u irritu stante li ***ultra vires***, huma wkoll infondati stante li l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku li kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2007 sar fl-interess pubbliku u sar skond il-Ligi. L-istess akkwist ma sarx 'ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna' fis-sens tat-tielet *proviso* tal-Artikolu 5 tal-Kap 88 peress li din il-proprjeta` tintuza bhala ***annex*** tat-Teatru Manoel, it-Teatru Nazzjonali u hija fil-pussess tal-Gvern u gestita mill-Manoel Theatre Management Committee. Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni msemmija ikkonfermat illi l-uzu li jsir mill-proprjeta` huwa wiehed fl-interess pubbliku meta ma sabet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti dwar l-uzu taghha u spjegat li proprjeta` privata tista' tittiehed anke biex jigu promossi, anke jekk mill-privat, attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke

indirettament, fl-interess pubbliku, sakemm dan l-interess pubbliku, dirett jew indirett, jibqa' jissussisti ghall-perjodu kollu ta' dik l-interferenza. Illi f'dan ir-rigward l-initmati jirreferu ghall-provvediment moghti fl-10 ta' April 2007 minn dina l-Qorti diversament presjeduta wara rikors intavolat mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jigi revokat Mandat ta' Zgumbrament liema mandat inhareg in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti ikkonfermat illi in linea mas-suespost, l-interpretazzjoni li trid tinghata lid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hija illi l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll kienet tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzonalita` u mhux nuqqas ta' interess pubbliku.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkwist taht titolu ta' dominju pubbliku sar sabiex il-Gvern jottempera ruhhu mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Gvern offra kumpens illi huwa proporzjonali meta ikkumparat mal-piz illi r-rikorrenti qieghdha ggor. Il-kumpens fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm21,000) fis-sena (u cioe` aktar minn Lm57 kull jum), meta ikkalkolat jirraprezenta ammont ta' ftit aktar minn disa u hamsin darba aktar mill-kumpens totali ta' Lm355 li kien offrut ghall-fondi kollha in kwistjoni qabel ma nghatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Hawnhekk izda l-intimati jipprecizaw illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet limitata ghall-fond numru 69 Triq l-Ifran kantuniera ma' 115 Triq it-Teatru li ghalih specifikament kien offrut l-ammont ta' Lm210 fis-sena ghall-pussess u uzu mis-somma komplessiva ta' Lm355 fuq imsemmija.

8. Illi l-akkwist b'dominju pubbliku, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, kien mehtieg ghal skop pubbliku, sar skond il-Ligi, ma jikkostitwix esproprju ghan-nom u fl-interess ta' terzi fit-termini tat-tielet *proviso* ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 88 u l-kumpens huwa adegwat u ghaldaqstant, la huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u wisq inqas ma sar b'disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali u, anzi sar proprju biex il-Gvern jottempra ruhu mas-sentenza ta' dik il-Qorti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

IN KWANTU GHAD-DIKJARAZZJONI

Illi l-intimati qeghdin jirrispondu ghad-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrenti bis-segwenti:

1. Illi in kwantu ghal dak dikjarat fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni in risposta, l-intimati jirreferu ghal dak eccepit fil-paragrafi 3 u 4 tal-eccezzjoniijiet taghhom hawn fuq moghtija dwar il-htiega tal-prova tal-proprjeta` ta' l-ishma fil-fondi hemm imsemmija u tad-denunzja ta' l-istess ghall-iskopijiet tal-Ligijiet fiskali dwar is-successjoni, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju.

2. Illi l-intimati jikkontestaw it-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni in risposta stante li fid-dispozittiv tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza msemmija fl-ismijiet ***'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti irriteniet illi l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenjoni Ewropeja ma kenitx tirrigwarda l-iskop li ghalih kienet qieghdha tintuza l-proprjeta` izda kienet naxxenti biss mill-fatt illi l-istess rikorrenti kienet qieghdha tigi mgieghla ggorr piz sproporzjonat. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalita` kien limitat ghall-ammont ta' kumpens offrut ghall-kontroll u l-uzu tal-proprjeta` liema ammont kien ferm inqas minn dak li abbazi tieghu l-fond issa gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku.

3. Illi in kwantu ghat-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni in risposta l-intimati jirritjenu li ma jsegwi bl-ebda mod illi meta l-Gvern akkwista l-fond b'titolu ta' dominju pubbliku versu kumpens adegwat u proprorzjonat huwa b'xi mod wera disprezz lejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew wettaq xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Dan huwa konfermat ukoll fil-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta fl-10 ta' April 2007 anness mar-risposta u immarkat bhala 'Dok AM8'.

4. Illi kwantu ghar-raba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni in risposta l-intimati ma jaqblux mal-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 88 moghtija mir-rikorrenti stante li dak kontemplat fit-tielet *proviso* ta’ l-imsemmi artikolu (u cioe` l-obbligu ta’ xiri b’titolu assolut) jirrigwarda biss il-kazijiet fejn l-akkwist ikun qieghed isir “ghan-nom u ghall-uzu ta’ terza persuna” (dik li hi maghrufa bhala ‘***expropriation on behalf of third parties’***) u la darba l-fondi in kwistjoni gew akkwistati biex jigu effettivament integrati mat-Teatru Manoel u huma gestiti mill-Gvern bhala haga wahda mal-istess Teatru, is-sitwazzjoni ma tinkwadrax taht dak kontemplat fl-imsemmi tielet *proviso* ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 88.

5. Illi in kwantu ghall-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni in risposta l-intimati jikkontestaw bil-qawwa kollha l-kontenut ta’ l-istess stante dak diga hawn fuq dikjarat fl-eccezzjonijiet u fil-paragrafu 4 ta’ din id-dikjarazzjoni u f’dan ir-rigward jirreferu ukoll ghall-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-8 ta’ Jannar 2007 fuq riferiti fis-sens illi l-uzu li qed isir mill-fond huwa wiehed fl-interess pubbliku.

6. Illi l-kontenut tal-paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni in risposta huwa prattikament sunt ta’ dak allegat fil-paragrafi precedenti b’zieda ta’ allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni in vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan minghajr ma hija spjegata r-raguni attribwita ghall-imsemmija allegata diskriminazzjoni. L-intimati filwaqt illi jirrilevaw illi din il-kawza mhix qeghda ssir fit-termini tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja jichdu bhala infondati l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fil-paragrafu 6 ghar-ragunijiet gia fuw esposti kif ukoll ghar-raguni li l-allegazzjoni ta’ vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja trid ***se mai*** issir permezz ta’ azzjoni partikolari skond il-Kap 319.

7. Illi in kwantu ghall-paragrafu numru 7 tad-dikjarazzjoni in risposta l-intimati, a skans ta’ ripetizzjoni

jirreferu ghal dak diga rilevat minnhom fil-paragrafu 4 ta' din id-dikjarazzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' <u>Alfred Gera de Petri</u> li fih issemma li l-post in kwistjoni huwa palazz li ilu ta' proprjeta` tal-familja tal-mara tieghu minn mindu nbena ghall-habta tal-1700. Huwa maghruf bl-isem ta' Palazzo Bonici, u ghandu zewg entraturi – wahda bin-numru 69, Triq l-Ifran, u l-ohra bin-numru 115 fi Triq it-Teatru l-Antik gewwa l-Belt Valletta. Wara t-tieni Gwerra Dinjija dan il-Palazz kien jappartjeni lill-Markiz Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, li kien wirtu minghand missieru, b'testment datat 20 ta' Lulju 1935. Kien gie ippubblikat att ta' immissjoni fil-pussess fl-20 ta' Marzu 1957. Il-Markiz Alfio kien iz-ziju ta' martu, u hu kien hallielha l-palazz b'titolu ta' legat permezz ta' testment sigriet tat-2 ta' Novembru 1987, markat Doc B fl-atti ta' din il-kawza. Hu kien hallielha wkoll kull dritt ukoll li hu kellu kontra l-Gvern ta' Malta naxxenti mit-tehid ta' din id-dar. Il-Markiz Alfio miet fit-8 ta' Jannar 1988. Fis-26 ta' Marzu 1990 kien gie ippublikat fl-atti tan-Nutar Victor J. Bisazza l-att ta' immissjoni fil-pussess favur il-mara tieghu, immarkat Dok A fl-atti ta' din il-kawza. Hu kien involut f'dan il-post minn kemm ilu jaf lill-mara tieghu, jigifieri xi erbghin (40) sena ilu, ghaliex dan dejjem kien post li fil-familja sikwiet kienu jissemmew il-problemi li kien hemm fuqu. Fl-1941 jew 1942 dan il-post kien gie parzjalment imgarraf bl-azzjoni ta' l-ghadu, u minn dak iz-zmien il-familja kienu ghamlu hafna tentativi biex jippruvaw jirrangaw dan il-post. Kienet saret *claim* lill-*War Damage Commission* u baqghu dejjem jinnegozjaw biex

permezz ta’ din il-*claim* jigi restawrat il-palazz. Fl-1945 miet il-proprjetarju tal-palazz, li dak iz-zmien kien in-nannu tal-mara tieghu, il-Markiz Daniel Testaferrata Bonici Axiak, u fl-1957 saret immissjoni fil-pussess favur Alfio minn hutu. Fl-1958, fil-25 ta’ Frar, saret dikjarazzjoni ta’ esproprjazzjoni “*by possession and use*” mill-Gvern. Il-Markiz Alfio ried jirranga l-Palazz ghax xtaq imur joqghod fih. Dan ma setax jaghmlu minhabba l-“*possession and use*”. Mill-1958 sal-1974 baqa’ dejjem jipprova jsib soluzzjoni ghal din il-problema. Mill-1958 il-problema saret iktar difficli minhabba li l-“*possession and use*” waqqfet il-*claim* tal-*War Damage* u waslu *f’deadlock*. Fl-1974 il-Lands Department tefa’ l-bieb ’il gewwa u dahal u bdew jalteraw, jibnu u jaghmlu l-kostruzzjoni. Fl-1973 baghtu avviz ghall-ftehim li kienu qed joffru s-somma ta’ mitejn u ghaxar Liri (Lm210) fis-sens bhala kumpens tal-“*possession and use*”. Il-Markiz Alfio defenittivament ma accettax dan l-ammont u fil-fatt kien kiteb li mhux qed jaccetta. Fid-9 ta’ April tal -1976 il-Kummissarju ta’ l-Art ghamel rikors kontra Alfio biex issir il-kawza ghall-kumpens ta’ l-esproprjazzjoni. Fl-1990 sar il-kuntratt ta’ l-immissjoni fil-pussess ta’ dan il-legat lill-mara tieghu. Bdew jippruvaw jaraw ma’ l-awtoritajiet jistghux jaslu f’xi soluzzjoni. Iltaqghu mas-Sur Gouder, Kummissarju tal-Artijiet, u dan kien qalilhom li japprezza s-sitwazzjoni u li l-ahjar haga tkun li jitkellmu mas-Sur Lowell bhala *chairman* tal-*Mangement Committee* tal-Manoel biex jaraw jistghux jaslu f’xi soluzzjoni mieghu. Huma ltaqghu mas-Sur Lowell u anke mas-Sur Tony Cassar Darien imma ma kellhomx ezitu ghaliex is-Sur Lowell kien qed ighid li huma ma setghu jaghmlu xejn, u dak li jista’ jaghmel xi haga kien is-Sur Gouder. Dak iz-zmien imbaghad bdew isiru zviluppi u saret *business proposal* ghaliex beda jintuza ghal attivitajiet purament ta’ negozju u mhux ghal skopijiet pubblici. Saru numru ta’ attivitajiet kummercjali. Fl-1994 infetah *restaurant* minn kumpanija li kien jisimha Miveda Company Ltd., u kien hemm ukoll *coffee shop* gestit kummercjalment. Kien hemm diversi ismijiet ta’ *restaurants* jew *coffee shops* u semma dettaljatament kwantita` ta’ *restaurants* u *coffee* shops immexxija fuq bazi kummercjali minn individwi jew kumpaniji. Dawn il-kirjiet saru dejjem mill-*Manoel Theatre Management*

*Committee*, anke wara li fl-1999 kienu rebhu l-kawza ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali. Il-palazz tul il-medda taz-zmien, gie uzat ghal hafna attivitajiet kummercjali ohra. Ezempji ta’ dawn huma prezentazzjonijiet ta’ kotba bhal “Legacy in Stone”, *fashion shows*, u parties privati bhal *engagement parties* jew *farewell parties*. Gieli saru anke promozzjonijiet ta’ mbejjed u attivitajiet simili. Il-palazz ukoll qieghed jigi uzat bhala ufficju tas-socjeta` kummercjali Patrimonju Publishing Company Ltd. Fit-8 ta’ Jannar 2007 il-Qorti ta’ l-Appell tat sentenza favur il-mara tieghu u, fost affarijiet ohra, irriservatilha id-dritt ghad-danni sofferti tul il-medda taz-zmien. Biex jistabbilixxu l-kumpens dovut minhabba dan it-tehid huma qabbdu lill-Perit Godwin Aquilina biex jaghtihom parir x’telf ta’ kera sar minn meta l-post gie mehud fl-1958 sal-lum. Annetta kopja ta’ l-affidavit tal-Perit Aquilina fejn turi li t-telf ta’ kera huwa ta’ Lm1,063,070.55. Annetta wkoll id-dokument immarkat Dokument Y, li fih qieghed juri l-interessi akkumulati fuq it-telf tal-kera mahduma bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena, u li jammontaw ghal Lm842,485.48.

Meta nigu ghall-ufficini li ghandha l-*Manoel Theatre Management Committee*, qal li dawn jokkupaw parti zghira mid-dar. Huwa interessanti hafna li l-*Manoel Theatre Management Committee* ghazel li jzomm l-ufficcju f’din id-dar, meta qabel kellhom ufficcju fi proprjeta` tal-Manoel stess, f’Old Mint Street, u li tifforma parti mill-blokk tat-Teatru Manoel li huwa proprjeta` tal-Gvern, u mhux tal-privat. Dan sar sabiex dik il-proprjeta` taghhom giet zviluppata f’appartamenti li qed jinkrew lil terzi persuni, bil-gurnata biex b’hekk il-*Manoel Theatre Managmenet Committee* ghamlu bicca *business*, ghax qed tokkupa ufficcji minghajr ma thallas xejn, a skapitu tal-mara tieghu, mentri huma qed idahhlu kera ghall-proprjeta` li tappartjeni lill-Manoel.

Gie prezentat l-affidavit tal-<u>Perit Godwin J. Aquilina</u> li fih iddikjara li hu gie mqabbad mill-attrici biex jaghmel stima tal-valur lokatizju tal-fond *de quo* li ghandu access ukoll mill-bieb numru 69, Triq il-Forn l-Antik, mis-sena 1958 sas-sena 2006, iz-zewg snin inkluzi u wara li spezzjona dan il-bini u iddeskrivih fl-affidavit tieghu stima l-valur

lokatizju fis-somma ta' Lm1,063,070.55, kif muri fit-tabella Dokument A a fol 160 *et*.

Xehed il-Perit Godwin Aquilina in kontro ezami u gie mistoqsi jekk meta ghamel dawn l-istimi hu hax in konsiderazzjoni *comparable transactions* u qal li iva, ovvjament. Iddistingwa bejn ufficini u stores, stmah kif rah illum. Qies il-kirja fuq il-bazi li jigi wiehed u jikri kollox u ha in konsiderazzjoni il-hwienet fil-*ground floor level*, inkluz *restaurant* li qieghed isfel. Qies kollox fuq il-bazi ta' fond totalment kummercjali, inkluz it-tielet sular, izda ma hax in konsiderazzjoni l-ligijiet li jirregolaw il-kirjiet matul iz-zmenijiet. Il-persentagg ta' dekapitalizzazzjoni kien ta' 5%.

Xehed Stephen Tabone *part-time financial controller* mal-*Manoel Management Theatre Committee* u spjega kif kien jintuza Palazzo Conti, u d-diversi kirjiet li kien hemm u senjatament li mill-Patrimonju Malti Lm1,800 u mir-*restaurant* Lm7,140. Semma ditti ohra li kien hemm qabel u li l-*Management Committee* ghandha proprjeta` ohra f'*Old Mint Street*, fejn kien hemm precedentement l-ufficini tal-Manoel u li llum parti minnu qed jinkera. Semma li Sala Isouard gieli tintuza ghal funzjonijiet privati.

Xehed Tony Cassar Darien u semma kif jiftakar li l-post gieli kien utilizzat.

Gie prezentat affidavit ta' Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet mis-sena 2000. Gie moghti access ghall-*files* tal-*War Damage Commission* relattivi ghall-fond 115, fi Triq it-Teatru kantuniera ma' 69, Triq l-Ifran, Valletta. Parti sostanzjali mill-fond in kwistjoni kienet iggarrfet fil-gwerra meta fit-3 ta' Mejju 1941 kienet intefghet mina minn ajruplan tal-gwerra. Dan kif jirrizulta mill-*files* tal-*War Damage Commission*. Konsegwenza ta' dan, il-proprjeta` msemmija kienet saritilha hsara strutturali fit-tarag, soqfa, kisi ta' l-art u partijiet mill-hitan kienu tkissru jew iggarrfu. Dan kif jirrizulta mill-applikazzjoni ghall-kumpens minghand il-*War Damage Commission* li saret fil-11 ta' Jannar 1945 li kienet saret minn certu Carmelo Caruana bhala inkwilin tal-fond. Specifika li t-talba jirrizulta li saret

lil War Damage Commission mill-imsemmi Carmelo Caruana, l-inkwilin tal-fond li kien debitament awtorizzat mill-Markiz Daniele Testaferrata Bonici Ghaxaq permezz ta' dikjarazzjoni datata 5 ta' Jannar 1945. Il-Perit imqabbad mis-Sur Carmelo Caruana u cioe` l-Perit RJD Cousin hejja *Schedule of Works* datata 19 ta' Lulju 1947 fejn huwa indika x-xogholijiet ikkomisjonati mis-Sur Caruana u li kienu saru wara li l-proprjeta` kienet iggarrfet kif ukoll indika x-xogholijiet li kienu ghadhom pendenti. Fil-21 ta' Dicembru 1947, il-Perit Cousin ghamel *addendum* ghal *Schedule of Works* li hija limitata ghall-*basement* li kien jintuza bhala kwartieri generali mill-*Boy Scouts* tal-Belt Valletta. Is-Sur Caruana kien pprezenta diversi talbiet ghall-hlas wara x-xogholijiet li kienu saru minnu fl-imsemmija proprjeta`. Il-*War Damage Commission* kienet ikkunsidrat din it-talba u hallset l-ammont komplessiv b'riduzzjoni nominali.

Kien hemm diversi xogholijiet ohra li saru f'din l-istruttura fuq kummissjoni tal-*Manoel Theatre Mangament Committee* li prezentement hija responsabbli mill-amministrazzjoni tat-Teatru Manoel.

Xehed Albert Mamo u qal illi l-fond in kwistjoni huwa parti mill-kumpless tal-Manoel. Il-fond imexxieh il-Manoel Committee u l-Gvern u huma bhala Land Department ma jidhlu xejn fiha u ma hemm l-ebda kirja bil-miktub dwar il-fond. Ifisser li bhala kera Land Department ma ghandu l-ebda kirja lil hadd. Gie mistoqsi jekk jippermettix li art tal-Gvern tinkera mhux skond il-Land Disposal Act u hu qal li seta jkun li din mhix kirja imma hija sempliciment a *management agreement*. Mistoqsi kemm-il *possession and use* ghamel tul l-ahhar 20 sena qal li qisu minn 1992 'l hawn x'aktarx li kein hemm xi 2 jew 3. Ma jiftakarx ezatt. Kellhom anke dominju pubbliku qal li forsi 3 jew 4. Mistoqsi ghaliex wiehed irrikorra ghal dominju pubbliku u mhux ghal outright purchase qal li f'dan il-kaz il-Gvern diga kellu pussess tieghu qabel. U ghal hekk jista' jkun li ddecieda li jaghmlu dominju pubbliku. Qabbdu perit u ghamlitilhom *assessment* skond ic-*Chapter* 88 ta' kemm jiswa l-fond kollu. Mistoqsi id-decizjoni biex jittiehed il-fond b'dominju pubbliku minn min ittiehdet qal li ittiehdet

mid-Direttur Generali tieghu u li ma hadiex hu. Id-Direttur Generali tah ordni biex jespropja kif giet espropjata. .

Gie prezentat affidavit tal-Perit David Drago fejn issemma li hu gradwa bhala Perit mill-Universita` ta' Malta fl-1993. Hu jipprattika l-Professjoni ta' Perit privatament fis-socjeta` ta' Periti bl-isema *'Architecture Project'* li l-indirizz taghha huwa 4, Triq L-Inginiera, Valletta. Din is-socjeta` ta' Periti hija speccjalizzata fir-restawr ta' proprjeta mmoblbli antika izda taghmel ukoll kull xoghol ta' arkitettura. Fil-kors tax-xoghol tieghu hu jaghmel diversi valutazzjonijiet ta' proprjeta` immobbli fuq inkariku ta' diversi klijenti, inkluz banek u kumpaniji. Kienet hadet hsieb hafna xoghol ta' restawr u miljoramenti li kienu saru fil-fond maghruf bhala 'Casa Bonici' f'numru 115 Triq it-Teatru kantuniera ma numru 69 Triq l-Ifran, Valletta.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Peter Fenech fejn issemma li hu gie mahtur Chairman tal-Kumitat ta' tmexxija tat-Teatru Manoel fl-1 ta' Lulju 2007. Hu gie nfurmat li kien hemm proceduri pendenti gewwa l-Qorti mis-sidien tal-bini maghruf bhala 'Casa Bonici' kontra l-Gvern. Qal ukoll li fl-imghoddi hu gja kien involut fit-Teatru Manoel u din il-problema kienet gja tezisti.

Gie prezentat affidavit tal-Perit Carmel Cacopardo fejn issemma li hu gie inkarigat mill-Ministeru tat-Turizmu biex jaghmel stima tal-fond bl-isem 'Casa Bonici', 113-118 Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, kantuniera ma Triq l-Ifran. L-imsemmija stima giet annessa ma l-affidavit u hu kkonfermaha bil-gurament tieghu.

Gie prezentat affidavit tal-Perit Mario Cassar fejn issemma li flimkien ma dan l-affidavit annetta rappory li jinkludi stima tal-fond 'Casa Bonici', Numru 69, Triq l-Ifran, u 115 Triq it-Teatru il-Qadim, Valletta. Hu kkonferma l-istess stima u rapport bil-gurament tieghu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Sfond ta' kawzi relatati:***

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota l-konkluzjonijiet li kienet waslet ghalihom l-ewwel qorti fil-kawza 537/1996/1

fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet fejn inghad:
“Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi dwar il-vertenza billi:-

“1. tiddikjara li l-uzu li qed isir mill-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma’ 69 Triq l-Ifran, Valletta ma jissodisfax ir-rekwiziti ta’ l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma jirrizultax l-interess pubbliku u ghalhekk tiddikjara li l-esproprjazzjoni li sehhet bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta’ Frar 1958 bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-fond imsemmi jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti.

2. tiddikjara li gew lezi mill-intimati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu sitta tal-Konvenzjoni Ewropea inkwantu l-kaz tar-rikorrenti konsegwenti l-esproprju tal-1958 ma nghatax smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. tirriserva li tipprovdi dwar it-talba ghall-kumpens fi stadju ulterjuri kemm-il darba dan ikun mehtieg.”

Din is-sentenza kienet appellata u fit- 8 ta' Jannar, 2007 il-Qorti ta’ l-Appell komposta mill-Prim’Imhallef Vincent de Gaetano, Imhallef Joseph Camilleri, Imhallef Joseph Filletti ikkonkludiet fid-*decide*:
“Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li <u>tikkonfermaha</u> (i) f’dik il-parti fejn iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta’ Frar 1958, (ii) fejn ordnat li l-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma’ 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, jigi rilaxxjat favur ir-rikorrenti appellata (bil-precisazzjoni li l-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas ta’

propozjonalita` u bilanc kif aktar 'l fuq spjegat f'din is-sentenza), (iii) fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u thassarha u tirrevokaha fil-bqija. Jibqa' riservat kull dritt spettanti lir-rikorrenti appellata ghall-hlas dovut lilha ghall-okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta` in kwistjoni fuq il-medda ta' zmien…."

***D2. Natura ta' l-Azzjoni — illegalita` ta' l-att ta' esproprju***

L-ewwel aspett li gie dibattut fit-tul kien dak dwar in-Natura ta' l-Azzjoni — illegalita` ta' l-att ta' espropriju. Ir-rikorrenti ssostni li meta l-Kummissarju tal-Artijiet ippretenda li jesproprija mill-poter taghha l-proprjeta` *de quo* taht titolu ta' Dominju Pubbliku kien qieghed jagixxi *ultra vires* il-poteri tieghu taht il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-legalita` ta' l-espropriju trid tigi wkoll valutata u valjata fit-temini tal-modalita` b' liema dak l-espropriju jkun qieghed isir. L-azzjoni promossa taghmel riserva ghall-kumpens ghad-danni li, fil-kaz ta' ezitu favorevoli, jkunu jistghu jintalbu b' azzjoni separata.

Izda fuq dan l-aspett l-Avukat Generali sostna li l-kawza odjerna hija intiza espressament sabiex terga' tiddiskuti mill-gdid mertu li diga kien trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet '**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et**' (Rikors Numru 537/96) permezz ta' sentenza tat-8 ta' Jannar 2007 liema kawza kienet trattat senjatament il-konformita` ta' l-iskop ta' l-esproprju u ta' l-uzu tal-fondi in kwistjoni ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u li kif ben kienet ikkonkludiet il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni tat-8 ta' Jannar 2007, il-fond mertu ta' din il-kawza huwa mehtieg ghal skop pubbliku u dan stante li huwa uzat bhala *annex* tat-Teatru Manoel, it-Teatru Nazzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali, ben enuncjat illi 'ambjent fejn jista' jippromwovi attivitajiet ohra ta' natura kulturali huwa ghan legittimu li jinkwadra perfettament kemm fin-nozzjoni ta' "interess pubbliku" kif ukoll f'dik ta' "interess generali". Ghalhekk isostni li la darba illum huwa stabbilit b'sentenza

finali tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 illi l-uzu li qieghed isir mill-fond in kwistjoni huwa wiehed fl-interess pubbliku l-uniku punt illi jista' jigi deciz f'din il-kawza huwa dak relatat ma' l-esproprju b'titolu ta' dominju pubbliku li sar sussegwentement ghall-imsemmija sentenza. Dak il-punt huwa dwar jekk l-imsemmi akkwist b'dominju pubbliku versu kera ta' gharfien ta' Lm21,000 fis-sena huwiex *ultra vires* il-Kap. 88.

Illi ghalhekk huwa utli li minhabba l-linja li ha l-Avukat Generali, dijametrikament opposta minn tar-rikorrenti fuq l-aspett ta' skop pubbliku, din il-Qorti sejra tikkwota mhux biss id-*decide*, izda diversi partijiet ohra mis-sentenza msemmija ghax jidher li dak li ntqal fid-*decide* qed jigi interpretat b'mod differenti mill-partijiet. Ghalhekk il-Qorti sejra tiehu dawn is-siltiet mis-sentenza msemmija:
"huwa l-iStat (il-Gvern, l-Ezekuttiv) li hu obbligat li jipprova, a sodisfazzjoni ta' l-organu gudizzjarju, li dak l-esproprju sar fl-interess pubbliku…

s-setgha ta' l-Istat li jesproprja hija dejjem soggetta **'ghall-verifika mill-organi gudizzjarji'…**

Dawn l-istess principji japplikaw anke meta, flok esproprjazzjoni fil-veru sens tal-kelma, ikun hemm jew esproprjazzjoni *de facto* jew semplicement interferenza fl-uzu tal-proprjeta`…

dejjem mehtieg li jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-kollettivita` u dawk ta' l-individwu…

Fi kliem iehor, wiehed irid jezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz konkret, u mhux semplicement jissofferma ruhhu fuq aspetti purament legalistici tal-kaz…

Punt iehor li din il-Qorti tara li hu relevanti fil-kaz in dizamina huwa dak tan-nozzjoni tal-*possession and use* fil-Kap. 88. Minn qari ta' l-Artikoli 5 u 19 ta' l-imsemmi Kapitolu, huwa evidenti li t-tehid ta' art ghal pussess u uzu huwa primarjament intiz bhala mizura temporanja…

Fl-isfond ta’ dan kollu, din il-Qorti, anke jekk tasal biex taqbel ma’ l-appellanti li l-allokazzjoni li originarjament saret tal-palazz lill-MTMC kienet saret fl-interess pubbliku u skond l-interess generali – u certament li l-Kumitat li jmexxi t-Teatru Manoel ikollu ufficini minn fejn jahdem u anke ambjent fejn jista’ jippromwovi attivitajiet ohra ta’ natura kulturali huwa ghan legittimu li jinkwadra perfettament kemm fin-nozzjoni ta’ “interess pubbliku” kif ukoll f’dik ta’ “interess generali” – maz-zmien jidher li l-element kummercjali ha s-sopravvent fuq konsiderazzjonijiet ohra…

izda meta si tratta ta’ interferenza ma’ proprjeta` privata meta l-iStat ikun ghadu ma akkwistax kompletament dik il-proprjeta`, l-interess pubbliku ghandu jibqa’ jissussiti ghall-perijodu kollu ta’ dik l-interferenza…

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, fil-kaz in dizamina hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata (u qabilha l-awturi taghha) qed tigi mitluba jgorru *“a disproportionate burden”*. Kif osservat fis-sentenza ***Maria Stivala v. Kummissarju ta’ l-Artijiet et***…

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma s-sejbien ta’ l-ewwel Qorti li fil-kaz *de quo* hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (kliem sottolinejat minn dina l-Qorti) u dan minkejja l-fatt li rrizulta li l-fond in kwistjoni gie in parti restawrat minn fondi pubblici – dana l-fatt ghandu, se mai, jittiehed in konsiderazzjoni fl-istadju meta jigi stabbilit il-kumpens pretiz…

Ghalhekk l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ma hu, f’dan il-kaz, ta’ ebda ostakolu ghad-dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni, kif ukoll ghad-dikjarazzjoni li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta’ Frar 1958 hija nulla u bla effett u ghall-ordni ta’ rilaxx immedjat tal-fond lir-rikorrenti appellata. (kliem sottolinejat minn dina l-Qorti) Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti, hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dan hu r-rimedju

gust ghall-vjolazzjoni ta’ l-imsemmi Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll…

l-annullament tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur u l-ordni ghar-rilaxx immedjat tal-fond lir-rikorrenti huwa, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed gust, fil-konfront tal-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll…”

Minn dan jemergi car li hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata (u qabilha l-awturi taghha) qed tigi mitluba jgorru *“a disproportionate burden”*, u fuq din il-bazi aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, u ghalhekk il-Qorti ikkonfermat is-sejbien ta’ l-ewwel Qorti li fil-kaz *de quo* hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan jaghmilha cara li fuq din il-bazi l-attrici kellha kull dritt li tistitwixxi l-kawza odjerna, u tichad l-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali f’dan ir-rigward.

***D3. Modalitajiet tat-Tehid:***

Dwar l-aspett tal-modalitajiet tat-tehid ir-rikorrenti sostniet li taht il-Kapitolu 88 il-Gvern jista’ jiehu l-proprjeta` tal-privat ghal skop pubbliku u li dan jista’ jaghmlu skond l-artikolu 5 bi tliet modalitajiet, u cioe`, b’xiri assolut taghha, jew ghall-pussess u uzu, jew b’Dominju Pubbliku. Semmiet ukoll li skond il-Kap 88, artikolu 5 l-*proviso* tieghu jinghad li :
“izda b’ dan ukoll illi meta l-art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom li ghall-uzu ta’ terza persuna ghal skop li ghandu x’ jaqsam ma’ jew iservi ghal interess pubbliku jew utilita` pubblika l-akkwist ghandu, f’kull kaz, isir b’ xiri assolut ta’ l-art.”

Min-naha tieghu l-Avukat Generali jsostni li l-akkwist tal-fond *de quo* sar b’titolu ta’ Dominju Pubbliku sabiex il-Gvern ikun jista’ jottempera ruhhu mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ghall-fini li jitnehha l-piz sproporzjonat illi r-rikorrenti kienet instabet illi qed iggorr. Sostna li l-*proviso* ma japplikax ghall-kaz odjern peress illi hawn *non si tratta* ta’ proprjeta` akkwistata fl-interess ta’ terzi izda ta’ proprjeta` akkwistata mill-Gvern fl-interess tieghu stess u li ghalhekk il-Gvern mhux tenut li jixtri l-fond b’xiri assolut.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, izda, l-ezempji moghtija mill-Avukat Generali ma humiex applikabbli. Huwa ben altru l-kaz ta’ meta l-Gvern jiftah triq u kif il-pubbliku jibbenefika u l-kaz in ezami. F’dak il-kaz jidher car li parti sostanzjali ta’ dak li ser jiggwadanjaw huma terzi kif ukoll li fil-kaz ta’ bini li jkun thalla fi stat ta’ abbandun mis-sidien u gie restawrat mill-Gvern fuq decizjoni unilaterali ma jintitolax lill-Gvern li jesproprja halli jgawdu terzi. L-Avukat Generali jsostni li l-fatt illi terzi jistghu jaghmlu uzu mill-proprjeta` esproprijata u anke l-fatt illi huma jistghu qed jaqilghu l-ghejxien taghhom minnha ma jirrendix l-espropriju wiehed li sar ‘ghan-nom u ghall-interess ta’ terza persuna’ ghax dak it-tip ta’ espropriju jsehh biss fil-kaz meta terza persuna titlob mill-Gvern biex jesproprija art f’isimha (generalment biex tinfetah xi triq meta s-sid ta’ l-art fejn tkun trid issir it-triq ma jkunx irid ibiegh dik l-art biex it-triq tinfetah) u jkun ukoll hallas lill-Gvern tal-prezz ta’ dak l-esporpriju minn qabel. L-Avukat Generali semma ezempji ohra u a bazi taghhom ikkonkluda li huwa insostenibbli u jirrasenta l-fantasija l-argument illi ghax hemm *cafeteria* u *restaurant* l-espropriju ghandu jitqies bhala wiehed li tant ma ghandu x’jaqsam xejn mal-interess pubbliku illi li kieku ma giex promoss jew mitlub minn xi terz dan ma kienx isir. L-espropriju qatt ma ntalab minn terz u sar mill-Gvern fl-interess ta’ l-integrita` tat-Teatru Nazzjonali.

Min-naha l-ohra huwa veru li jekk l-akkwist isir taht titolu ta’ pussess u uzu jew taht Dominju Pubbliku huwa partikolarment oneruz ghall-privat u ghalhekk il-ligi ma riditx li akkwist isir taht dan it-titolu meta l-proprjeta` tkun ser tintuza, jew taht xi forma tinghadda, lil terz li ma jkunx il-Gvern. L-att ta’ esproprju huwa dejjem oneruz ghal min ibatieh u jikkomporta limitazzjoni serja ghad-dritt fondamentali ta’ dak l-individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu. Ghalhekk il-legittimita` ta’ l-akkwist hija dejjem ristretta fis-sens li jrid jkun hemm l-‘iskop pubbliku’, u jrid ikun hemm kumpens xieraq. Fil-kaz ta’ dominju pubbliku l-individwu huwa intitolat biss jircievi l-kera ta’ gharfien li tigi iffissata u ma tinbidilx u dan in perpetwu (ara artikolu 19(5) tal-Kap 88). Ghalhekk il-Kumissarju ta’ l-Artijiet

xehed li ma kenitx l-intenzjoni tal-Gvern li jakkwista proprjeta` sija taht pussess u uzu sija taht dominju pubbliku (ara xhieda ta' Albert Mamo tas- 16 ta' Mejju, 2007).

Ta' min isemmi li l-*Manoel Theatre Management Committee* bhala enti huwa indipendenti u awtonomu mill-Gvern b'personalita` guridika distinta tieghu u jidhol f'kuntratti, jaghmel kirjiet, jimpjega atturi u muzicisti u anke persuni ohrajn u dan kollu indipendentement mill-Gvern. L-impjieg ma' dan u minn dan il-Kumitat mhux regolat mill-*Public Service Commission* u l-impjegati tieghu ma humiex *civil servants* u meta gie biex jiddisponi favur terzi mill-proprjeta` esproprjata ma segwiex id-disposizzjonijiet kontenuti fil-*Government Land Disposal Act*. Dan wassal lir-rikorrenti biex issostni li l-akkwist *ex admissis* fir-risposta sar mill-Gvern ghan-nom u ghall-uzu tal-*Manoel Theatre Management Committee*, dan l-akkwist kien qieghed isir ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna u ghalhekk kellu necessarjament isir permezz ta' xiri assolut u mhux taht titolu ta' Dominju Pubbliku. Inoltre l-*Manoel Theatre Management Committee* ma zammewx l-ambjenti esproprjati kollha f'idejhom imma fil-maggor parti taghhom krewhom lil terzi u zammew partijiet ghalihom li anke dawn huma spiss mikrija ghal funzjonijiet privati. Hemm ukoll hwienet mikrija lil terzi, *cafeteria* u *restaurant* li jkopru l-pjan terren li huma wkoll mikrija lil terzi, kif ukoll ufficini fuq medda ta' zewg sulari mikrija lil entitajiet ohra bhal Patrimonju Publishing Limited li certament ma humiex il-Gvern.

L-intimati sostnew li l-*Manoel Theatre Management Committee* ma jistax jitqies bhala xi entita` privata li ma twettaqx funzjoni tal-Gvern u dan irrispettivament mill-kwistjoni tal-personalita` guridika distinta u separata. Hawnhekk il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-argument ta' l-Avukat Generali ghax fin-nota tieghu jsostni li dan il-Kumitat xorta jibqa' kumitat appuntat mill-Gvern biex iwettaq funzjoni governattiva u mill-istess natura taghha pubblika u ghalhekk il-gestjoni ta' l-*annex* tat-Teatru Manoel minn dan il-Kumitat certament li ma tqajjem ebda kwistjoni ta' espropriju ghan-nom u fl-interess ta' terzi fit-

termini tal-*proviso* ghall-Artikolu 5 tal-Kap 88. Izda ma jistax il-Gvern fil-fehma tal-Qorti jghid li hu hu u li mhux hu fl-istess hin. Tant kemm qed jinsisti fuq gestjoni differenti li r-regolamenti ghal kiri ma gewx segwiti bil-proceduri soliti tal-Gvern. Mhux il-Gvern li jikri izda dan il-Kumitat u mela ghalhekk ghandu personalita` guridika distinta u ma jistax issa l-intimat isostni mod iehor.

L-intimati ghamlu referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et** deciza fit-30 ta' Mejju 2003 kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Abdilla vs Malta**, Application Number 38244/03 deciza fit-3 ta' Novembru 2005, fejn enfasizzaw li t-tehid ta' proprjeta` biex terz ikun jista' jisfrutta kummercjalment il-proprjeta` tieghu ma jeskludix interess pubbliku. Fil-fehma ta' din il-Qorti interpretazzjoni korretta ta' dan l-aspett ghandha tkun li jekk it-tehid tal-proprjeta` hija parti minn progett generali li jwassal ukoll ghal vantagg ta' terz, dan ma jeskludix il-fatt li progett ikun sar ghal skop pubbliku, izda jekk il-progett isir specifikament biex jaqdi persuna (kemm fizika u kemm socjeta` – *sebbene* appuntata mill-Gvern) a skapitu ta' persuna ohra (fizika jew morali), dak m'ghandux jitqies li sar ghal skop pubbliku sakemm ma jkunx parti minn progett generali taht xi aspett ta' *policy* – " *which was neither carried out as part of a process of economic, social or political reform nor linked to any other specific circumstances." (*Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - **Scardino vs Italy** li gie deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2006.

***<u>D4. Kirja tar-Restaurant u l-Cafetteria:</u>***

Irrizulta li saret kirja lil Fumia Company Limited biex dan jaghmel il-*Cafetteria* u r-*Restaurant*. Din il-kirja saret ghall-perjodu ta' ghaxar snin shah bi dritt ta' hames snin ohra, wara negozju privat minghajr ma gew segwiti l-proceduri stabbiliti fid-*Disposal of Government Land Act*. Il-klawsola 6(2) tal-ftehim ta' lokazzjoni jipprovdi espressament li:

“The caterers (Fumia) shall operate the catering facilities on their own account and not as agents of the Committee.”

Huwa ghallhekk car li l-uzu tal-fond esproprjat certament mhux uzu tal-Gvern imma uzu tal-privat. Ladarba hemm l-uzu mill-privat allura l-akkwist kellu bil-fors isir taht titolu ta’ xiri assolut u ma setax isir taht titolu ta’ dominju pubbliku. Il-fatt li s-sejha ghall-offerti li nharget tirrigwarda l-provvediment ta’ servizz ta’ *catering* u mhux ta’ kirja tal-fond in kwistjoni ma taffetwax dan.

***D5. Id-differenzi fil-kumpens:***

Fil-kaz ta’ xiri assolut il-kumpens huwa il-hlas tal-valur tal-proprjeta fuq is-suq immedjatament u interament minghajr ebda deduzzjoni (Ara artikolu 27(1)(b) tal-Kapitolu 88).

Fil-kaz ta’ pussess u uzu l-kumpens huwa hlas ta’ kera tal-gharfien li jigi stabbili b’ relazzjoni mal-kera li dik il-proprjeta` kienet iggib fil-1914, cioe` mitt sena ilu, ossija l-‘kera xierqa’ skond il-ligijiet specjali tal-kera, illum kera li hija notorjament kollox hjief xirqa (Ara artikolu 27(2) tal-Kapitolu 88).

Fil-kaz ta’ akkwist taht titolu ta’ dominju pubbliku il-kumpens huwa kera ta’ gharfien stabbilita in perpetwu u b’ mod li ma tinbidilx u li tkun erbghin fil-mija iktar mill-kera xierqa stabbilita ghall-kaz ta’ pussess u uzu (Artikolu 27(13) tal-Kap.88). In realta` dan ifisser li l-proprjeta` tkun qed tittiehed lis-sid bi frazzjoni ta’ dak li tkun verament tiswa.

Bazikament fejn ma jidhlux l-elementi ta’ process ekonomiku, socjali jew riforma politika ghandu jkun hemm rimbors tal-valur fis-suq. Ghalhekk fejn l-uzu ma jkunx mill-Gvern imma jkun mit-terz jkun jonqos il-gustifikazzjoni li kieku forsi tippermetti lill-individwu biex jinghata inqas mill-valur shih fis-suq. Dan iwassal ghal li meta l-Gvern jesproprja u jiehu proprjeta` biex imbaghad jikriha lil entitajiet kummercjali ghall-uzu ta’ negozju, l-esproprju irid jkun taht titolu ta’ xiri assolut. Dan hu dak li gara f’ dan il-kaz. Din hi l-interpretazzjoni korretta tal-*Proviso* fl-isfond

tad-Drittijiet Fondamentali. Hawn m'ahniex nezaminaw xi kaz ta' *slum clearance area,* jew ta' riformi socjali (ukoll fis-sens wiesgha) fejn il-Gvern m'huwiex tenut illi jhallas il-valur shih tal-proprjeta` esproprjata (vide **The Holy Monasteries v. Greece**, decizjoni tad-9 ta' Dicembru 1994, *Series* A no. 301-A, p. 35, at 71). Ghalhekk ghandu japplika t-tielet *proviso* ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 88 ghal dan il-kaz ghax altrimenti r-rikorrenti tispicca biex tiehu biss frazzjoni tal-valur ta' dak li ttiehdilha u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. Din il-Qorti ma taqbilx li t-tehid f'dan il-kaz mhux ghall-uzu ta' terza persuna, u li l-iskop huwa purament ghal skop pubbliku.

Hu interessanti dak li irrizulta fil-kors tal-kawza bhala prassi tal-Gvern u cioe` li matul is-snin irrikorra ghall-esproprju taht titolu ta' dominju pubbliku f' erba kazijiet biss mill 1982 sal-lum.

***<u>D6. Res Judicata:</u>***

L-intimat sostna li d-decizjoni tat-8 Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet "Gera de Petri vs Avukat Generali et" tikkostiwixxi gudikat dwar il-legittimita` ta' l-uzu li qieghed jaghmel mill-fond il-MTMC. Kompla li l-Qorti Kostituzzjonali ezaminat it-tehid, l-uzu li qieghed isir mill-fond kif ukoll il-kumpens illi kien qieghed jinghata lis-sid u kkonkludiet illi kemm it-tehid u kemm l-uzu kienu ai termini tal-Kap. 88 u tal-Konvenzjoni Ewropea u dan sar bil-precizazzjoni li l-vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzjonalita` u mhux nuqqas ta' interess pubbliku. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet rat nuqqas ta' proporzjonalita` bejn l-interess pubbliku u l-piz li kienet mistennija li ggor is-sid.

Il-Qorti sejra tikkwota dak li qal l-intimat:

"Illi t-tifsira ta' *res judicata* giet ben definita mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet **Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe**, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet illi:

'Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – *res judicata pro veritate habetur* – jigifieri l-

fundament ta' l-'*actio*' u tal l-'*exceptio judicati*' hija preskrizzjoni legali'

L-esponenti jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et** (Citaz. Nru. 766/00JRM) deciza fil-25 ta' Settembru 2003 fejn l-Onorabbli Qorti ezaminat l-elementi illi jikkostitwixxu gudikat u kkonkludiet illi:

'Dawn l-elementi huma l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*)… kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat'.

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby** deciza fit-28 ta' Marzu 2004 fejn l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta elaborat il-principju li 'ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni[1]. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat[2]'.

Illi fil-kaz odjern, huwa car u inekwivoku li t-tliet elementi stabbiliti mill-gurisprudenza huma kollha sodisfatti u dan stante li l-oggett huwa l-istess fond u cioe` 115, Triq it-Teatru l-Antik kantuniera ma' 69, Triq l-Ifran, Valletta, il-partijiet huma l-istess partijiet tal-kawza Kostituzzjonali kif ukoll il-mertu liema mertu jirrigwarda l-uzu tal-fond illi

[1] **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1946.
[2] **PL Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Marzu 1946.

ttiehed mill-Gvern u liema mertu kien ezawrit u trattat fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet '*Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali et*' (Rik. Nru. 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007. F'dan ir-rigward, l-esponenti jirreferu ghat-talbiet tar-rikorrenti fejn intalab illi l-modalita' tat-tehid kien wiehed irritu u null 'in vista tal-uzu minn terzi ghall-liema l-istess proprjeta hija destinata'."

Din il-Qorti irriflettiet fuq dan l-aspett izda jinghad li wiehed mill-elementi tar-*res judicata* huwa l-istess meritu. Jidher car li l-meritu taz-zewg kawzi mhux identiku. Il-bazi ta' l-ewwel kawza kienet l-esproprijazzjoni fuq il-bazi ta' pussess u uzu waqt li f'dik odjerna hemm l-esproprijazzjoni taht titolu ta' dominju pubbliku. Naturalment anke d-data tal-espropriju hija differenti. Fil-kawza odjerna r-rikorrenti sostniet li proprjeta` in kwistjoni ma hijiex mehtiega ghall-uzu tal-Gvern imma ghall-uzu ta' terzi persuni li qieghdin jaghmel uzu kummercjali mill-istess proprjeta`; ziedet li dan ma jistax isir b'esproprijazzjoni b'titolu ta' dominju pubbliku.

Ukoll fil-fehma ta' din l-Qorti kien evidenti li t-tehid tal-fond tar-rikorrenti taht it-titolu ta' pussess u uzu fl-isfond ta' kif gie uzat l-istess fond li kien qieghed iwassal ghall-sitwazzjoni ta' illegalita`. Mis-sentenza jidher li l-uzu li kien qieghed isir mill-fond kien qieghed igib vjolazzjoni tal-*proviso* ghall-artikolu 5 tal-Kap 88. Jekk hemm xi sens li wiehed jghid li hemm xi gudikat, dan ikun bil-fors f'sens favorevoli ghar-rikorrenti u mhux kif qieghed jippretendi l-intimat.

***<u>D7. Valur fis-suq:</u>***

Ir-rikorrenti sostniet li n-nuqqas ta' kumpens adegwat ghandu ramifikazzjonijiet iktar pezanti ghall-Gvern. Qalet li "l-ewwelnett jigi carat li jekk wiehed jisegwi l-insenjament ta' **Scardino vs. Italy** ma hemm l-ebda raguni fil-kaz presenti ghaliex l-attrici ma ghandiex tinghata kumpens shih u skond il-valur fis-suq tal-proprjeta` li qegheda tittiehdliha. Fit-tieni lok jigi ribadit li l-uzu li qieghed jsir mill-fond huwa wiehed prevalentement kummercjali; issa dan il-fatt wassal lill-Qorti Kostituzzjonali biex tiddikjara li l-

attrici kienet qiegheda issofri *'a disproportionate burden'* bhala rizultat ta' dan it-tehid, li certament jimplika li l-valur li ghandha tinghata ghall-esproprju, jekk wiehed sejjer jikkunsidra li l-iskop ghal-liema qegheda tittiehed huwa legittimu, haga dibattibili, ghandu jkun il-valur reali tal-proprjeta` fis-suq, u mhux xi persentagg arbitrarjament iffissat minghajr ebda parametri ta' ligi li l-Gvern fi stat ta' generosita` u munificenza ghogbhu jaghti lill-attrici biex minghalieh jaghlqilha halqha. Kompliet li dak li ghandu jaghti l-Gvern huwa l-valur gust u reali dovut sal-lum bil-prezz tas-suq kif jigi stabbilit u kif *del resto* gja gie minnu stabbilit bhala mhux anqas minn Lm1,500,000. Huwa ghalhekk car u manifest li l-Gvern mhux joffri dak li huwa marbut li joffri skond il-ligi u skond il-Konvenzjoni u ghalhekk it-tehid huwa wiehed illegali u arbitrarju…."

L-intimat sostna "li l-valur fuq is-suq tal-binja kiber peress illi kif jirrizulta mill-provi prodotti, mis-sena 1958 u cioe` meta l-Gvern ha l-pussess tal-fond in kwistjoni, huwa bena parti sostanzjali mill-fond. Saret riferenza ghall-affidavit tas-Sur Albert Mamo fejn iddikjara illi 'parti sostanzjali mill-fond in kwistjoni kien iggarraf fil-gwerra' u kif korroborat minn rapport tal-Perit Cousin ezebit mis-Sur Albert Mamo stess…. Anke wara li bena hafna mill-fond fis-snin sebghin il-Gvern kompla jaghmel diversi ameljoramenti, restawr u manutenzjoni tal-binja u kif iddikjara l-Perit David Drago fl-affidavit tieghu dan 'ix-xoghol sewa madwar mitejn u tlieta u disghin elf lira (Lm293, 000) fuq medda ta' tnax-il sena' minn xi l-1992 'il quddiem…. Giet esebita wkoll lista ta' proprjetajiet kummercjali kollha tal-Gvern fil-Belt u kemm huma mikrijin u minn din il-lista certament illi ma hemm xejn li jindika li Lm21,000 fis-sena ghall-fond in kwistjoni huwa ftit…. In vista tal-premess huwa car illi l-kumpens offrut huwa adegwat …"

***<u>D8. Diskriminazzjoni:</u>***

Ir-rikorrenti sostniet ukoll li t-tehid taht titolu ta' dominju pubbliku kien ukoll illecitu ghaliex kien diskriminatorju u kien diskriminatorju ghaliex f'kazijiet ohra simili l-Gvern esproprja taht titolu ta' xiri assolut u mhux taht titolu ta' dominju pubbliku, ghaliex il-Gvern stess kien

sollennement iddikjara li ma kienx ha jirrikorri ghall-esproprju izjed taht dan it-titolu, ghaliex id-diskrezzjoni ma gietx esercitata minn min fdat biha imma minn haddiehor, ghaliex twassal ghall-ghoti ta' kumpens ferm inferjuri, billi ma hemmx *policy* u anqas parametri fil-ligi meta ghanda tigi proprjeta` mehuda taht dan it-titolu u mhux b' xiri assolut.

Infatti mix-xhieda prodotti irrizulta li mill-1982 'l hawn kien hemm biss erba' kazi fejn proprjeta` giet esproprjata taht titolu ta' dominju pubbliku.

Izda l-Qorti f'dan l-istadju taqbel ma' dak li sostna l-Avukat Generali li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ta' allegat lezjoni ta' l-Artikolu 14 hija infondata u dan peress illi l-kawza odjerna ma hix kawza kostituzzjonali fejn qed jigi sindikat jekk kienx lez *o meno* xi dritt fondamentali tar-rikorrenti izda hija kawza fejn qieghed jigi sindikat jekk il-Gvern jistax legalment jakkwista proprjeta` b'titolu ta' dominju pubbliku. Dan apparti li kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni[3]. Taqbel ukoll li mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 14 u dan kif gie ben osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Spadea and Scalabrino v. Italy**[4]:
"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in relevantly 'similar' situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of person who have been better treated."

***<u>D9. Illegittimita` tal-Persuna:</u>***

Ir-rikors promotur ma talabx li tigi impunjata l-validita` tal-Kap. 88 izda huwa intiz biss sabiex jigi dikjarat bhala irritu

[3] **Airey v. Ireland**, deciza fid-9 ta' Ottubru 1979 mill-Qorti ta' Strasbourg.
[4] Deciz fit-28 ta' Settembru 1995.

u null it-tehid mill-Gvern tal-fond in kwistjoni. Sewwa sostna l-Avukat Generali li l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern biss f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji meta n-natura tat-talba ma tkunx tista' tigi diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Ghalhekk il-kawza odjerna tista' u ghandha ssir biss kontra l-Kummissarju tal-Artijiet stante li l-esproprju ghad illi jinhareg f'isem il-Gvern in generali jigi ezegwit minnu u huwa ghalhekk huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern inkarigat minn din il-branka ta' l-amministrazzjoni anke jekk fil-fatt jesegwixxi d-direzzjonijiet tal-Gvern in generali. Dan ifisser li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni.

***D10. Integrita` tal-Gudizzju:***

L-intimati sostnew li l-gudizzju mhux integru stante li l-azzjoni ma gietx intavolata mill-persuni kollha interessati fil-mertu u dan specjalment in vista tal-fatt illi r-rikorrenti qed titlob illi tigi dikjarata bhala *ultra vires* id-Dikjarazzjoni li tikkoncerna blokka shiha ta' proprjeta` li minnha r-rikorrenti ghandha biss sehem u dan tenut kont ukoll illi l-hlas tal-Kera ta' Gharfien naxxenti mill-esproprju relattiv ghall-*annex* tat-Teatru Manoel in kwantu jikkoncerna lill-Kummissarju ta' l-Artijiet isir b'mod intier u d-divizjoni ta' dan l-ammont bejn il-persuni kollha li ghandhom dritt ghall-kumpens hija kwistjoni privata ta' bejn l-istess komproprjetarji. In sostenn ta' dan l-intimat ikkwota mid-decizjoni fl-ismijiet **Victoria Zahra Dedomenico vs Alfred Zahra Dedomenico** (Citazz. Nru. 29/81) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1992:

'Ir-ragion d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati, it-tieni sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita' tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu pparticipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet, biex jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti b'gudizzju wiehed …'.

Izda hawnhekk il-Qorti tirrileva li bl-istess dikjarazzjoni l-Gvern ha l-pussess ta' zewg proprjetajiet, wahda li kienet tappartjeni esklusivament u divizament lir-rikorrenti wahedha u mhux ma' haddiehor, waqt li ghar-rigward l-ohra r-rikorrenti ghandha sehem indiviz. Dwar ta' l-ewwel certament li hemm l-integrita` tal-gudizzju biex ir-rikorrenti tippromwovi l-azzjoni odjerna. Dwar dik fejn hija in parti proprjetarja, hawn ukoll ghandha d-dritt bhala kull sid parzjali iehor li tippromwovi l-azzjoni taghha biex tattakka att amministrattiv u mhux necessarju li jkun hemm is-sidien kollha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

1)Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li mhux legittimu kontradittur kif spjegat f'"D9" fuq.

2)Tichad l-eccezzjoni tar-*res judicata* kif spjegat f'"D6" fuq.

3)Tichad it-tielet eccezzjoni kif spjegat f'"D10" fuq.

4)Tichad ir-raba' eccezzjoni kif spjegat f'"D10" fuq.

5)Tichad il-hames eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija f'"D5", "D4" u "D7".

6)Tichad is-sitt eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija taht "D2", "D3", "D4".

7)Tichad is-seba' eccezzjoni ghar-ragunijiet moghtija taht "D7".

8)Dwar it-tmien eccezzjoni tilqaghha fis-sens imsemmi taht "D8" hawn fuq u dan dejjem li l-att ta' l-intimat ma kienx wiehed diskriminatorju u anqas b'disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali.

9)Tiddikjara u tiddeciedi li l-akkwist tal-proprjeta` l-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, taht titolu ta' dominju pubbliku huwa irritu u null billi *ultra vires* il-poteri ta' l-intimati in vista ta' l-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta` hija destinata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez zewg terzi (2/3) ghall-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet u terz (1/3) ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------